MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1399/1999/1

**Bridgette Pullicino**

**vs**

**Jane Galea**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet :

Illi fil-11 ta’ Marzu 1996, ghal-habta tas-7.00pm waqt illi l-attrici kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni F-8918M fi Triq id-Dejma Fgura, hija sfat involuta f’kollizzjoni awtomobilistika mal-konvenuta, li

kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni R-1205(M);

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, bhal ma inoltre', diga ammess minnha tramite l-kumpanija assikuratrici taghha Gasan Insurance Agency Limted bhala agenti tas-socjeta estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc., li wkoll hallset ammonti akkont tad-danni sofferti mill-istess attrici bhala kawza ta' l-incident de quo;

Illi l-attrici soffriet wkoll dizabilita' permanenti skond kif certifikata minn Mr James N Casha, kif jidher mic-certifikat minnu mahrug u datat 11 ta' Jannar 1999 li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok A;

Illi l-konvenuta, minkejja li giet interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni rappresentati mill-imsemmija dizabilta' permanenti, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

Tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Marzu 1996, ghall-habta tas-7.00pm fi Triq id-Dejma, Fgura kif fuq premess;

Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici minhabba d-dizabilta' permanenti lilha rekata fl-istess incident awtomobilistiku, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra gudizzjarja tad-19 ta’ Jannar 1999 u ittra gudizzjarja ohra li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta Gasan Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta estera General Accident Fire and Life Asssurance Corporation plc., kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit :

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti tammetti li hija kienet involuta f’incident tat-traffiku mall-attrici fil-11 ta’ Marzu 1996 fil-limiti tal-Fgura, izda dana ma’ garax tort taghha, izda gara tort tal-attrici;

Illi dan l-incident kien wiehed zghir u minnghajr konsegwenzi serji, u l-attrici sofriet griehi ta’ natura hafifa, bil-konsegwenza li hija ma’ kella l-ebda debilita ta’ natura permanenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attrici tramite l-assikurazzjoni tal-eccipjenti thallset bla pregudizzju ghad-danni attwali sofferti minnha;

Illi stante li l-attrici ma’ ghandha l-ebda debilita ta’ natura permanenti, u billi hija gia giet imhallsa ghad-danni attwali taghha, l-ebda ammont ma‘ huwa dovut lilha in linea ta’ danni, u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' zewgha Dennis Pullicino;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2000 li bih gie nominat bhala espert mediku Dr. Frederick Zammit Maempel bil-fakoltajiet kollha soliti;

Semghet ix-xhud prodott mill-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-assikurazzjoni tal-konvenuta gia halset lill-attrici d-danni sofferti mill-istess attrici fil-vettura taghha kif ukoll xi danni personali li sofriet l-attrici f'dan l-incident. Ghalhekk il-partijiet qabblu li l-kwestjoni li fadal hi biss dwar id-dizabilita' permanenti li setghet sofriet l-attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident;

Rat ir-rapport tal-espert mediku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduita tat-23 ta' Novembru 2000;

Rat in-nota tal-attrici tas-17 ta' Jannar 2002 fejn saru sensiela ta' domandi lill-espert mediku in eskussjoni;

Ra r-risposti relattivi bil-miktub tal-abbli espert mediku debitament konfermati bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-18 ta' Frar 2002;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attrici tippremetti li fil-11 ta' Marzu 1996 meta kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni F-8918M fi Triq

id-Dejma Fgura, hi kienet involuta f'kollizzjoni awtomobilistika mal-konvenuta, li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni R-1205(M). L-attrici tippremetti ukoll li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta, kif gia gie ammess mill-kumpanija assikuratrici tal-istess konvenuta. Infatti l-assikuraturi gia hallsu lull-attrici ammont akkont tad-danni sofferti mill-attrici. L-attrici tippremetti ukoll li hi sofriet wkoll dizabilita' permanenti u l-konvenuta naqset li tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni minhabba din id-dizabilita' permanenti;

Ghalhekk l-attrici qed titlob li l-konvenuta tigi dikjarata unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u li jigu likwidati d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici minhabba l-allegata dizabilta' permanenti u b'hekk il-konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Da parti taghha l-konvenuta qed teccepixxi li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Teccepixxi ukoll li l-incident in kwestjoni sehh tort l-attrici. Inoltre l-incident in kwestjoni kien wiehed zghir u minnghajr konsegwenzi serji, tant li l-attrici ma' sofriet l-ebda debilita ta' natura permanenti. Illi l-attrici tramite l-assikurazzjoni thallset bla pregudizzju ghad-danni attwali sofferti minnha. Fl-ahhar nett il-konvenuta teccepixxi li l-ebda ammont ma' huwa dovut ill-attrici  in linea ta' danni;

Mit-termini tac-citazzjoni jirrizulta li l-attrici qed tippretendi li sofiet dizabilita' ta' natura permanenti u ghalhekk qed titlob li jigu likwidati d-danni sofferti minnha minhabba l-allegata dizabilita' permanenti. Dan jirrizulta ukoll mill-imsemi verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li fadal biss li tigi deciza l-kwestjoni dwar id-dizabilita' permanenti li setghet sofriet l-attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident. Ghalhekk fl-ewwel lok sr jigi esaminat jekk l-attrici sofritx jew le dizabilita permanenti;

F’dawn il-proceduri gie nominat bhala espert mediku Dr. Frederick Zammit Maempel. L-abbli espert mediku fir-rapport tieghu wara li ddeskriva l-esamijiet kolha li ghamel ikkonkluda li l-attrici ma soffriet ebda dizabilta permanenti bhal rizultat ta’ l-incident in kwestjoni;

Gew esaminati bir-reqqa u funditus kemm ir-rapport tal-espert mediku kif ukoll ir-risposti miktubin tieghu ghad-domandi tal-attrici. F’dawn ir-risposti l-espert mediku spjega fid-dettal in-natura tal-feriti li sofriet l-attrici u l-esamijiet li saru. Il-konkluzjonijiet tieghu huma ukoll ibbazati fuq l-esperjenza twila tieghu;

L-espert mediku spjega li bl-ezami mediku li sar giet konstata l-hsara li saret. Huwa kkonferma ukoll li jekk ikun hemm hsara li ma fieqetx ghal kollox, u cioe’ permanenti, allura din tigi misjuba anke wara trapass ta’ zmien konsiderevoli. Huwa spjega li wasal ghall-imsemmija konkluzjonijiet tieghu fuq is-sejbiet klinici u radjologici, fuq l-interperetazzjoni taghhom, u fuq l-ilmenti u s-sintomi li spjegat l-attrici. Qal ukoll li l-effeti ta skoss fil-ghonq jciedu biz-zmien, bhal ma seta gara f’dan il-kaz u dana peress li x-rays kienu normali. L-istess ritratti ma urew ebda hjiel ta’ artriete f’ghonq l-attrici. Jista ikun li ftit wara l-incidenti r-ritratti urew li l-muskoli ta’ l-ghonq tal-attrici kienu mizmumin fis-spasmu. Dan pero’ ma deherx fir-ritratti li ttiehdu fuq ordni tal-espert mediku. Ir-risultati tal-esamijiet li saru dwar nuqqas ta’ sensezzjoni huma konsitenti ma konribuzzjoni soggettiva;

Il-Qorti taqbel ma dawn il-kostatazzjonijiet u mal-imsemmija konkluzjonijiet. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-Qorti tbiddel jew tvarja dawn il-konkluzjoijiet;

Ghalhekk ma jirrizultax b’mod sufficjenti li l-attrici sofriet griehi ta’ natura permanenti. Mhux il-kaz ghalhekk li jigu

esaminati kwestjonijiet ohra kif sollevati mill-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha. L-eccezzjonijiet tal-konvenuta qed jigu akkolti fis-sens kif premess f'din is-sentenza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddecidi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------